# Innu Sabiha



Xejn ma jnissell l-hena f'qalbna
daqs il-wens hanin t'ghajnejk
xbieha mqaddsa, xoghol Gerada.
Tista' qalbna ma ddurx lejk?

Kemm haddewk missirijietna!
Tghammar fostna tant xtaquk,
u bis-sahha ta' Farrugia
ahna wkoll qed ingawduk

**Ref**: **Xbieha helwa ta' Marija,**
**Kont ghalina tul is-snin**
**Ghajn ta' barka, biex fik sibna**
**Omm Sabiha ta' l-Ghaxqin**

O Marija mtellgha s-sema
X'hila tajtu 'l-iskultur?
Naqqax b'xoghol idejh imhabbtek.
Mill-injam fegg l-isbah fjur.

Sabih wisq id-daql ta' wiccek
Thares fiss lejn is-Setghan
Jilma d-dija minn tas-sema
Fejn kull qalb issib serhan.

**Ref**: **Xbieha helwa ta' Marija,**

Ibqa' fostna xbieha mbierka.
Zommna dejjem t'Ibnek qrib.
La thallix 'l ghaziz rahalna
Qatt jintilef fit-tigrib.

Ibqa' fostna Vergni pura
Ibqa' serred fina s-sliem.
Aghti lilna u 'l uliedna
Il-helsien u l-ferh dejjem.

**Ref**: **Xbieha helwa ta' Marija,**

Kitba Joe Julian Farrugia